# IL-POLITIKA AMBJENTALI: IL-PRINĊIPJI ĠENERALI U L-QAFAS BAŻIKU

Il-politika ambjentali Ewropea hija bbażata fuq il-prinċipji tal-prekawzjoni, il-prevenzjoni, il-kontroll tat-tniġġis mis-sors tiegħu, u fuq il-prinċipju ta' "min iniġġes iħallas". Il-programmi ta' azzjoni ambjentali pluriennali jistabbilixxu l-qafas għal azzjoni fil-ġejjieni f'kull qasam tal-politika ambjentali. Dawn huma integrati fl-istrateġiji orizzontali u jitqiesu waqt in-negozjati ambjentali internazzjonali. L-aħħar iżda mhux l-anqas, l-implimentazzjoni hija kruċjali.

## IL-BAŻI ĠURIDIKA

L-Artikoli 11 u 191 sa 193 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE). L-UE hija kompetenti biex taġixxi fl-oqsma kollha tal-politika ambjentali, bħat-tniġġis tal-arja u tal-ilma, l-immaniġġjar tal-iskart u t-tibdil fil-klima. Il-kamp ta' applikazzjoni tal-azzjoni tagħha huwa limitat mill-prinċipju tas-sussidjarjetà u mill-ħtieġa għall-unanimità fil-Kunsill f'oqsma bħall-kwistjonijiet fiskali, l-ippjanar urban u rurali, l-użu tal-art, il-ġestjoni kwantitattiva tar-riżorsi tal-ilma, l-għażla tas-sorsi ta' enerġija u l-istruttura tal-provvista tal-enerġija.

## L-ORIĠINI U L-IŻVILUPP

Il-politika ambjentali Ewropea tmur lura għall-Kunsill Ewropew li sar f'Pariġi fl-1972, fejn il-Kapijiet ta' Stat jew Gvern (wara l-ewwel konferenza tan-Nazzjonijiet Uniti dwar l-ambjent) iddikjaraw il-ħtieġa ta' politika ambjentali Komunitarja li takkumpanja l-espansjoni ekonomika, u sejħu għal programm ta' azzjoni. L-Att Uniku Ewropew tal-1987 introduċa "Titolu Ambjentali" ġdid, li pprovda l-ewwel bażi ġuridika għal politika ambjentali komuni bil-għan li tkun ippreservata l-kwalità tal-ambjent, titħares is-saħħa tal-bniedem u jiġi żgurat li jkun hemm użu razzjonali tar-riżorsi naturali. Ir-reviżjonijiet sussegwenti tat-trattati saħħew l-impenn tal-Komunità għall-protezzjoni ambjentali u r-rwol tal-Parlament Ewropew fl-iżvilupp ta' din il-politika. L-ambjent sar qasam ta' politika tal-UE b'mod uffiċjali wara t-Trattat ta' Maastricht (1993), li introduċa l-proċedura ta' kodeċiżjoni u daħħal b'regola ġenerali s-sistema ta' votazzjoni b'maġġoranza kwalifikata fil-Kunsill. It-Trattat ta' Amsterdam (1999) stabbilixxa l-obbligu li l-ħarsien tal-ambjent jiġi integrat fil-politiki settorjali kollha tal-UE bil-ħsieb li jiġi promoss l-iżvilupp sostenibbli. Permezz tat-Trattat ta' Lisbona (2009) kemm "il-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima" kif ukoll l-iżvilupp sostenibbli fir-relazzjonijiet ma' pajjiżi terzi saru għanijiet speċifiċi. Il-personalità ġuridika issa tippermetti lill-UE tikkonkludi ftehimiet internazzjonali.

## IL-PRINĊIPJI ĠENERALI

Il-politika ambjentali tal-UE hija bbażata fuq il-prinċipji tal-prekawzjoni, il-prevenzjoni, il-kontroll tat-tniġġis mis-sors tiegħu, u fuq il-prinċipju ta' "min iniġġes iħallas". Il-prinċipju ta' prekawzjoni huwa għodda għall-ġestjoni tar-riskju li jista' jiġi invokat kull meta jkun hemm inċertezza xjentifika dwar suspett ta' riskju għas-saħħa tal-bniedem jew għall-ambjent li jkun ġej minn azzjoni jew politika partikolari. Pereżempju, jekk ikun hemm dubji minħabba l-ħsara li jaf ikollu prodott fuq saħħet il-bniedem, u jekk wara evalwazzjoni xjentifika objettiva jibqgħu jippersistu d-dubji, jistgħu jingħataw istruzzjonijiet sabiex titwaqqaf id-distribuzzjoni ta' dak il-prodott jew biex dan il-prodott jitneħħa mis-suq. Dawn il-miżuri għandhom ikunu mhux diskriminatorji u proporzjonati u għandhom jiġu riveduti ladarba jkun hemm aktar informazzjoni xjentifika disponibbli.

Il-**prinċipju ta'** "min iniġġes iħallas" huwa implimentat mid-Direttiva dwar ir-Responsabbiltà Ambjentali, li l-għan tagħha huwa l-prevenzjoni jew ir-rimedju għal danni ambjentali fuq speċijiet protetti jew fuq il-ħabitats naturali, l-ilma u l-ħamrija. L-operaturi ta' ċerti attivitajiet okkupazzjonali, bħat-trasport ta' sustanzi perikolużi, jew attivitajiet li jinvolvu skariku dirett fl-ilma, għandhom jieħdu azzjonijiet preventivi fil-każ ta' theddida imminenti għall-ambjent. Jekk il-ħsara tkun diġà saret, dawn huma obbligati li jieħdu l-miżuri xierqa biex jirrimedjaw din il-ħsara u jħallsu għall-ispejjeż. Il-kamp ta' applikazzjoni tad-direttiva twessa' tliet darbiet sabiex jinkludi l-ġestjoni tal-iskart mill-estrazzjoni, l-operazzjoni ta' siti għall-ħżin ġeoloġiku u s-sikurezza ta' operazzjonijiet ta' tħaffir għaż-żejt u l-gass fuq il-baħar rispettivament.

Barra minn hekk, mill-ewwel darba li ssemmiet f'inizjattiva tal-Kunsill Ewropew li sar f'Cardiff fl-1998 (il-"proċess ta' Cardiff"), l-integrazzjoni tat-tħassib ambjentali f'oqsma oħra ta' politika tal-UE saret kunċett importanti fil-politika Ewropea. F'dawn l-aħħar snin l-integrazzjoni tal-politika ambjentali għamlet progress sinifikanti, pereżempju fil-qasam tal-politika dwar l-enerġija, kif jidher fl-iżvilupp parallel ta' pakkett tal-UE dwar il-klima u l-enerġija jew il-pjan direzzjonali għal ekonomija kompetittiva b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju fl-2050.

## IL-QAFAS BAŻIKU

### A. Il-Programmi ta' Azzjoni Ambjentali

Il-Kummissjoni ilha mill-1973 toħroġ Programmi ta' Azzjoni Ambjentali pluriennali, li fihom tistipula l-proposti leġiżlattivi u l-miri għall-politika ambjentali tal-UE fil-ġejjieni; Fl-2013 il-Kunsill u l-Parlament adottaw is-**Seba' Programm ta' Azzjoni Ambjentali** għall-perjodu sal-2020, bit-titolu "Ngħixu tajjeb, fil-limiti tal-pjaneta tagħna". Billi jibni fuq għadd ta' inizjattivi strateġiċi, il-programm jistabbilixxi disa' objettivi prijoritarji, fosthom: il-protezzjoni tan-natura; reżiljenza ekoloġika aktar b'saħħitha; tkabbir sostenibbli, effiċjenti fl-użu tar-riżorsi u b'emissjonijiet baxxi ta' karbonju; u l-ġlieda kontra theddidiet għas-saħħa relatati mal-ambjent. Il-programm jisħaq wkoll fuq il-ħtieġa li jkun hemm implimentazzjoni aħjar tal-liġi ambjentali tal-UE, xjenza abbażi tal-ogħla livell ta' żvilupp tekniku, investimenti u integrazzjoni ta' aspetti ambjentali f'politiki oħra.

**B.** Strateġiji orizzontali

Fl-2001, l-UE introduċiet l-**Istrateġija ta' Żvilupp Sostenibbli** (SŻS) tagħha, u b'hekk ikkomplementat l-Istrateġija ta' Lisbona għall-promozzjoni tat-tkabbir u l-impjiegi b'dimensjoni ambjentali. L-SŻS riveduta tal-UE, li ġiet imġedda fl-2006 biex tgħaqqad id-dimensjonijiet interni u internazzjonali tal-iżvilupp sostenibbli, tistinka għat-titjib kostanti fil-kwalità tal-ħajja permezz tat-trawwim tal-prosperità, tal-ħarsien ambjentali u l-tal-koeżjoni soċjali. F'konformità ma' dawn l-għanijiet, l-Istrateġija Ewropa 2020 għat-tkabbir għandha l-għan li ssawwar "tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv". Skont din l-Istrateġija, "l-inizjattiva emblematika għal Ewropa effiċjenti fir-riżorsi" turi t-triq għal tkabbir sostenibbli u tappoġġa bidla lejn ekonomija effiċjenti fir-riżorsi u b'emissjonijiet baxxi tal-karbonju. Barra minn hekk, fl-2011 l-UE impenjat ruħha li twaqqaf it-telf tal-bijodiversità u tas-servizzi tal-ekosistema sal-2020 (Strateġija tal-UE dwar il-bijodiversità).

**C.** Il-Kooperazzjoni ambjentali internazzjonali

L-UE għandha rwol kruċjali fin-negozjati ambjentali internazzjonali. Hija parti kontraenti ta' bosta ftehimiet ambjentali globali, reġjonali jew subreġjonali dwar firxa wiesgħa ta' kwistjonijiet, bħalma huma l-ħarsien tan-natura u l-bijodiversità, it-tibdil fil-klima, u t-tniġġis transkonfinali tal-arja jew tal-ilma. Waqt l-10 Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni dwar id-Diversità Bijoloġika, li saret f'Nagoya (il-Ġappun) fl-2010, l-UE tat kontribut importanti biex jintlaħaq ftehim dwar strateġija globali biex jitwaqqaf it-telf tal-bijodiversità sal-2020. Bl-istess mod, l-Unjoni għenet fit-tiswir ta' diversi ftehimiet internazzjonali ewlenin adottati fl-2015 fil-livell tan-NU, bħall-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli (li tinkludi s-17-il Għan ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs) u l-169 miri assoċjati tagħhom), il-Ftehim ta' Pariġi dwar it-Tibdil fil-Klima u l-Qafas ta' Sendai għat-Tnaqqis tar-Riskju ta' Diżastri. Hija ngħaqdet ukoll għall-Konvenzjoni dwar il-Kummerċ Internazzjonali fl-Ispeċijiet Selvaġġi fil-Periklu (CITES) dik is-sena.

**D.** Il-valutazzjoni tal-impatt ambjentali u l-parteċipazzjoni tal-pubbliku

Ċerti proġetti (privati jew pubbliċi) li x'aktarx ikollhom effetti sinifikanti fuq l-ambjent, pereżempju l-kostruzzjoni ta' motorway jew ajruport, huma soġġetti għal valutazzjoni tal-impatt ambjentali (VIA). Bl-istess mod, firxa ta' pjanijiet u programmi pubbliċi (pereżempju rigward l-użu tal-art, it-trasport, l-enerġija, l-iskart jew l-agrikoltura) huma soġġetti għal proċess simili msejjaħ valutazzjoni ambjentali strateġika (VAS). F'dan il-każ, il-kunsiderazzjonijiet ambjentali huma diġà integrati fil-fażi tal-ippjanar, u l-konsegwenzi possibbli jiġu kkunsidrati qabel ma proġett jiġi approvat jew awtorizzat, sabiex jiġi żgurat livell għoli ta' ħarsien ambjentali. Fiż-żewġ każijiet, il-konsultazzjoni mal-pubbliku hija aspett ċentrali. Din teħodna lura għall-Konvenżjoni ta' Aarhus, ftehim ambjentali multilaterali taħt l-awspiċi tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti (UNECE) li daħlet fis-seħħ fl-2001 u li tagħha l-UE u l-Istati Membri kollha tagħha huma partijiet kontraenti. Hija tiggarantixxi tliet drittijiet lill-pubbliku: Il-parteċipazzjoni pubblika fit-teħid tad-deċiżjonijiet ambjentali, l-aċċess għat-tagħrif ambjentali miżmum mill-awtoritajiet pubbliċi (pereżempju dwar l-istat tal-ambjent jew is-saħħa tal-bniedem fejn din tintlaqat minn din tal-aħħar), u d-dritt tal-aċċess għall-ġustizzja f'każ li ż-żewġ drittijiet l-oħra jkunu ġew injorati.

**E.** L-implimentazzjoni, l-infurzar u l-monitoraġġ

Il-liġi ambjentali tal-UE bdiet tinbena fis-snin 70. Illum, diversi mijiet ta' direttivi, regolamenti u deċiżjonijiet huma fis-seħħ f'dan il-qasam. Madankollu, l-effikaċja tal-politika ambjentali tal-UE hija fil-biċċa l-kbira determinata mill-implimentazzjoni tagħha fil-livelli nazzjonali, reġjonali u lokali, filwaqt li n-nuqqasijiet fl-applikazzjoni u fl-infurzar għadhom kwistjoni importanti. Il-monitoraġġ huwa kruċjali — kemm tal-istat tal-ambjent u wkoll tal-livell ta' implimentazzjoni tal-liġi ambjentali tal-UE.

Biex jikkuntrastaw id-differenzi kbar fil-livell ta' implimentazzjoni fost l-Istati Membri, fl-2001 il-Parlament Ewropew u l-Kunsill adottaw standards minimi għall-ispezzjonijiet ambjentali (mhux vinkolanti). Sabiex jittejjeb l-infurzar tal-liġi ambjentali tal-UE, l-Istati Membri jridu jipprovdu sanzjonijiet kriminali effikaċi, proporzjonati u dissważivi għall-aktar reati ambjentali serji. Dawn jinkludu, pereżempju: l-emissjoni illegali jew r-rimi ta' sustanzi fl-arja, fl-ilma jew fil-ħamrija; il-kummerċ illegali fl-organiżmi selvaġġi; il-kummerċ illegali f'sustanzi li jnaqqsu l-ożonu; u t-trasferiment jew ir-rimi illegali ta' skart. In-Netwerk tal-Unjoni Ewropea għall-Implimentazzjoni u l-Infurzar tal-Liġi Ambjentali Ewropea (IMPEL) huwa netwerk internazzjonali ta' awtoritajiet ambjentali mill-Istati Membri tal-UE, mill-pajjiżi tal-adeżjoni u mill-pajjiżi kandidati, kif ukoll min-Norveġja, li nħoloq sabiex jagħti spinta 'l quddiem lill-infurzar billi jipprovdi pjattaforma għal dawk li jfasslu l-politika, l-ispetturi ambjentali u l-uffiċjali tal-infurzar, biex jiskambjaw l-ideat u l-aħjar prattika.

F'Mejju 2016, il-Kummissjoni nediet ir-Rieżami tal-Implimentazzjoni Ambjentali, għodda ġdida mfassla biex tgħin sabiex tinkiseb l-implimentazzjoni sħiħa tal-leġiżlazzjoni ambjentali tal-UE, li tmur id f'id mal-kontroll tal-idoneità tagħha (il-Programm dwar l-Idoneità u l-Prestazzjoni tar-Regolamentazzjoni – REFIT) tal-obbligi ta' monitoraġġ u rrappurtar skont il-leġiżlazzjoni eżistenti tal-UE sabiex tagħmilha aktar sempliċi u orħos.

Fl-1990, inħolqot l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent (EEA) ibbażata f'Copenhagen, biex tappoġġa l-iżvilupp, l-implimentazzjoni u l-evalwazzjoni tal-politika ambjentali u biex tgħarraf lill-pubbliku ġenerali dwar il-kwistjoni. Din l-aġenzija tal-UE (miftuħa għal pajjiżi mhux membri tal-UE) hija responsabbli biex tipprovdi tagħrif tajjeb u indipendenti dwar l-istat u l-prospetti għall-ambjent. Din għaldaqstant tiġbor, tamministra u tanalizza data u tikkoordina in-netwerk Ewropew ta' informazzjoni u għall-osservazzjoni tal-ambjent (Eionet). Biex tgħin lil dawk li jfasslu l-politika jieħdu deċiżjonijiet infurmati u jiżviluppaw leġiżlazzjoni u politiki ambjentali, l-UE tħaddem ukoll il-Programm Ewropew ta' Monitoraġġ tad-Dinja (Copernicus) li fost affarijiet oħra jindirizza t-tibdil fl-art, il-baħar, l-atmosfera u l-klima. Rigward sustanzi niġġiesa rilaxxati fl-arja, fl-ilma jew fuq l-art kif ukoll trasferimenti barra mis-sit ta' skart u sustanzi niġġiesa fl-ilma mormi, ir-Reġistru Ewropew dwar ir-Rilaxx u t-Trasferiment ta' Inkwinanti (E-PRTR) jipprovdi data ambjentali importanti dwar aktar minn 30 000 faċilità industrijali fl-UE, kif ukoll fl-Iżlanda, il-Liechtenstein, in-Norveġja, is-Serbja u l-Iżvizzera. Ir-reġistru huwa disponibbli għall-pubbliku bla ħlas fuq l-internet.

## IR-RWOL TAL-PARLAMENT EWROPEW

Il-Parlament Ewropew għandu rwol ewlieni fit-tfassil tal-liġi ambjentali tal-UE. Tul it-Tmien leġiżlatura, huwa ttratta leġiżlazzjoni derivata mill-pjan ta' azzjoni tal-ekonomija

ċirkolari (dwar l-iskart, il-batteriji, il-vetturi li m'għadhomx jintużaw, ir-rimi f'miżbla, eċċ.), kwistjonijiet dwar il-bidla fil-klima (ir-ratifika tal-Ftehim ta' Pariġi, il-kondiviżjoni tal-isforz, il-kontabilizzazzjoni tal-użu tal-art, tat-tibdil fl-użu tal-art u tal-forestrija fl-impenji tal-Unjoni b'rabta mat-tibdil fil-klima, ir-riforma tal-ETS, eċċ.), fost ħafna affarijiet oħra.

Il-Parlament irrikonoxxa diversi drabi l-ħtieġa li **tittejjeb l-implimentazzjoni** bħala prijorità ewlenija. F'riżoluzzjoni "dwar l-isfruttament aħjar tal-benefiċċji tal-miżuri ambjentali tal-UE: nibnu l-fiduċja permezz ta' għarfien u rispons aħjar", il-Parlament ikkritika l-livell mhux sodisfaċenti tal-implimentazzjoni tal-liġi ambjentali fl-Istati Membri u għamel bosta rakkomandazzjonijiet għal implimentazzjoni aktar effiċjenti, bħat-tixrid tal-aħjar prattiki bejn l-Istati Membri u bejn l-awtoritajiet reġjonali u lokali. Fil-pożizzjoni tiegħu dwar il-**programm ta' azzjoni ambjentali** attwali (li se jibqa' għaddej sal-2020), il-Parlament issottolinja l-ħtieġa li l-liġi ambjentali Ewropea tiġi infurzata b'mod aktar rigoruż. Barra minn hekk sejjaħ għal aktar sigurtà għal dawk l-investimenti li jappoġġaw il-politika ambjentali u l-isforzi kontra t-tibdil fil-klima, u li jieħdu aktar kont tat-tħassib ambjentali f'politiki oħra.

Tina Ohliger
05/2019